*jiet tan-nazzjonijiet kollha barra x'uħud magħluqin wara l-Purtiera tal-Ħadid. Turija oħra ta' ferħ universali saret għall-ħatra tal-Papa l-ġdid, il-Qdusija Tiegħu Ġwanni XXIII. J'Alla Kristu Sultan iseddqu u jgħinu biex għal żmien twil imexxi d-Dgħajsa ta' Pietru lejn il-kenn tal-ħaqq, is-sewwa u s-sliem.*

**NOTA EDITORJALI — Billi dan in-Nru. ta' IL-MALTI, minħabba ċirkustanzi ta' xogħlijiet iżjed urġenti fl-Istamperija, ma satax joħroġ f'waqtu, u ħabat li dan in-Nru. ħareġ sew sew wara xi ftit żmien mill-mewt tal-Papa Piju XII u l-elezzjoni tal-Papa l-Ġdid Ġovanni XXIII, l-Editorjal u xi materji oħra dwar dawn iċ-ċirkustanzi storiċi daħħalniehom f'dan in-Nru. ta' IL-MALTI.**

## MEDITATION

*Ta'* WALLACE PH. GULIA

Qatt la tgħid
li wasalt fil-wied tad-dmugħ;
ħofor oħra ssib
u dagħbien koroh li qatt ma ħlomt
jinfetħu taħt riġlejk;
u meta tinżel
ix-xemx ma tistaħbiex
lanqas jinħbew l-għoljiet
li minnhom bdejt in-niżla għal ġol-wied.
Iżżiħajr il-Mulej għal dak li int,
għax agħar dejjem issib;

. . .

u waħdek ma tasalx biex tibda t-trejqa
li twasslek fl-għoli, fuq,
qalb l-iġbla jsebbħu
bil-ġilju jfuħ miksija
u l-madriperla tbajjad.
O l-għali ma jonqosx lanqas il-ħażen
u l-ferħ li toħlom waħdek
ifernaq fl-uġigħat ta' mitt tbatija.



# IL-GHAZLA TAL-PAPA

*Ta'* A. TABONE

IL-PAPA Piju XII li għadu kif ħalla dan il-wied tad-dmugħ biex jingħaqad għal dejjem mal-henjin tal-Ġenna, fit-8 ta' Diċembru tas-sena 1945, jiġifieri 13 il-sena ilu, kien ħareġ Kostituzzjoni, jew, biex niftiehmu aħjar, liġi dwar il-għażla tal-Papa il-ġdid. F'din il-liġi, il-Papa msemmi, wara li tkellem dwar is-setgħa tal-kulleġġ tal-Kardinali u tal-Kongregazzjonijiet Rumani dment li nkunu għadna mingħajr Papa jgħaddi minnufih biex jitkellem minn min u kif għandha ssir il-ħatra tal-Papa. Jibda biex jgħid illi l-għażla tal-Papa għandha ssir mill-Kardinali kollha biss. Fi żmien l-imgħoddi, ingħidu aħna madwar 500 sena ilu, il-għażla tal-Papa kienet issir mill-Kleru ta' Ruma flimkien ma' xi nies oħra tal-belt eterna. Imma din id-drawwa spiċċat għal kollox minn żmien il-Papa Girgor X, għax Hu kien l-ewwel wieħed li għamel liġi biex il-ħatra tal-Papa ssir mill-Kardinali biss. Hekk għadu llum, imma mhux mill-Kardinali li jkunu Ruma biss, iżda mill-Kardinali tad-dnja kollha.

Għalhekk id-Dekan tal-Kardinali hekk kif iħabbar lid-dinja l-mewt tal-Papa, għandu jsejjaħ lill-Kardnali kollha, biex fi żmien 15 il-ġurnata, jinġabru Ruma. Il-morda jew dawk l-oħrajn li għal xi raġuni kbira ma jkunux jistgħu jmorru Ruma, ma jistgħux jibgħatu lil ħaddieħor minn flokhom.

Wara 15 il-jum, u xi jumejn jew tlieta wara wkoll ikun meħtieġ, li l-Kardinali jidħlu f'post imsejjaħ il-*Konklavi* biex hemm ġew issir il-għażla tal-Papa l-ġdid. Kull Kardinal jista' jdaħħal miegħu tnejn minn nies biss, is-segretarju u xi qaddej: il-Kardinali morda, bis-sensja tal-Kardinali l-oħra, jistgħu jdaħħlu wieħed ieħor, u dawn ma jistgħux ikunu qraba tal-Kardinal jew imħalltin miegħu sat-tieni grad, u lanqas ma jistgħu jkunu ta' l-istess Ordni jekk il-Kardinal ikun Patri, u lanqas ma jistgħu jaqdu lil xi Kardinal ieħor ħlief lil dak li jdaħħalhom. Ma' dawn jidħlu wkoll fil-Konklavi konfessur, wieħed biss, li għandu jkun patri, żewġ tobba, kirurgu u speċjalista tal-oppju u xi qaddej jew tnejn magħhom. Dawn in-nies kollha meta jidħlu fil-Konklavi jieħdu l-ġurament li jaqdu dmirhom kif imiss, li jżommu s-sigriet ta' kull ma jsir jew jisimgħu hemm ġew.